**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**v**

**OMAR MALLIA**

**Illum 24 t'April 2001.**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **Omar Mallia** ta' hamsa w ghoxrin sena, imwieled Pieta` nhar id-disgha ta' Dicembru 1976, bin Louis u Alfrida nee` Borg u residenti 124/2 Triq San Kristoferu, il-Belt Valletta u detentur ta' karta tal-identita` numru 653177 gie mressaq quddiemha akkuzat talli minn gewwa Triq San Nikola, il-Belt Valletta, nhar it-tlieta w ghoxrin t'April 2001, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda bejn il-hamsa u nofs ta' filghodu u s-sitta ta' filghodu kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni Aae 374 a detriment ta' Joseph Frendo mill-Belt Valletta, kif ukoll ikkometta serq ta' stereo tal-marka Yoko, par speakers tal-marka Elta u xi accessorji ohra mill-istess vettura

liema serq jeccedi il-mitt lira (Lm100) Maltin izda ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm 500) liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur, bix-xorta tal-haga l-misruqa u bil-hin ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 270, 271 (g),  279(a) u 281 (a) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, ai termini tal-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali tal_Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni AAE 374  u fuq accessorji taghha ghad-dannu tal-istess Joseph Frendo mill-Belt Valletta liema hsara ma teccediex il-hamsin lira Maltin (Lm 50), imma teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm 10) u dan ai termini tal-artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex titratta ma' l-imputat li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li saru defenittivi fejn nstab hati ta' serq u pusess ta' droga.

Il-Qorti rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 t'April 2001 esebit f'dawn l-atti bhala dokument CSH.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u fuq tali ammissjoni il-Qorti m’ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif adebitati lilu.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-Ligi partikolarment l-artikoli 261, 263, 267, 270, 271(g), 279(a), 281, 334, 325(c), 49, 52, 89 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hij awahda riflettorja hafna b'hafna reati adebitati lilu.

Qieset ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Rat ukoll l-istqarrija tal-istess imputat fejn jammetti l-partecipazzjoni tieghu fis-serqa inkwestjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lil imputat Omar Mallia hati tal-ewwel u t-tielet akkuza tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena.**

**In oltre il-Qorti tordna illi z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest inkwistjoni ma din il-kawza ma jitnaqqasx minn din is-sena prigunerija li qed tghatih.**

**In oltre tiddikjara li mhux qed issibu hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**